MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tat-18 ta' Gunju, 2003

Avvi$Z Numru. 1752/1999/1

Rikors Nru:- 1752/99DM

Edwin u Elizabeth konjugi Mizzi

Vs

Emanuel Bonello bhala kontrollur ghan-nom u in rapprezentanza tal-Bank of Industry Commerce and Agriculture (BICAL) u Henry Pace u Cecil Pace ghal kull interess li jista' jkollhom

Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta' liema l-atturi talbu l-kundanna tal-konvenuti sabiex ihallsu s-somma ta' Lm1000 bhala rifuzjoni ta' flus li l-atturi ddepozitaw mal-Bank konvenut u dana previa okkorrendo dikjarazzjoni illi l-ammont imhallas mill-atturi lill-imsemmi bank jikkostitwixxi depozitu attwali u reali mal-bank konvenut u f'kaz li dan id-debitu ma giex debitament registrat fuq il-kotba bhala tali, dan

sar minhabba agir abuziv illegali u/jew frawdolenti tal-konvenuti Pace.

Bl-ispejjes u bl-interessi mid-data ta' depositu kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Emanuel Bonello fejn eccepixxa illi :

1 Id-domandi attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjes stante illi l-ammont reklamat mhux passiv mal-bank u li gara huwa li d-direttur jew diretturi tal-bank ghamel in-negozju mal-atturi biss u mhux f'isem il-Bank of Industry Commerce and Agriculture Limited. Infatti l-atturi stess jirrikonnoxxu dan il-fatt meta huma stess jippremettu li kien hemm agir illegali u jew frawdolenti da parte tal-konvenuti l-ohra l-ahwa Pace.
2 Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat in-nota ta' dokumenti tal-atturi pprezentata fil-5 ta' Marzu 2001.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti Henry Pace u Cecil Pace fejn eccipew illi :

1 Preliminarjament l-irritwalita u nullita tal-avviz billi l-atturi ma annettewx ma' l-avviz d-dokument relattiv li fuqu qeghdin jibbazaw il-pretenzjonijiet taghhom a tenur tad-depozizzjonijiet tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap 12);
2 In linja preliminari l-preskrizzjoni ta' sentejn inkwantu ghat-talba ta' rifuzjoni a tenur tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap 1 12);
3 Preliminarjament ukoll il-preskrizzjoni kwinkwennali ghar-rigward obbligi kuntrattwali a tenur tal-Kodici tal-Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap 12);
4 Sussidjarjament u minghajr pregudizzju l-ammont mitlub jista' jkun debitu tal-Bank of Industry, Commerce and Agriculture Limited fil-kaz li l-attur jippossjedu dokument ufficjali tal-bank li juri li dan kien depozitu mal-bank;

5 Bla pregudizzju ghas-suesspost illi l-ammont mitlub mihux debitu tal-bank fil-kaz li ghandhom cheque personali tal-eccipjenti jew kambjala personali taghhom;
6 Fil-meritu t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra l-atturi;
7 Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Semghet ix-xhieda prodotti;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-kontendenti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Ghal dak li jirrigwarda l-ewwel eccezzjoni preliminarji sollevata mill-konvenuti dwar in-nullita' tal-avviz minhabba li ma kienx akkumpanjat mid-dokumenti li fuqhom kienet ibbazata t-talba attrici, jirrizulta illi anke qabel ma l-konvenuti pprezentaw l-eccezzjonijiet taghhom, l-atturi kienu, b'nota pprezentata fil-5 ta' Marzu 2001, esibew id-dokumenti rilevanti konsistenti f' kopja fotostatika tac-cekk mahrug mill-konvenuti Pace fuq il-kont taghhom mal-bank konvenut u datat 7 ta' Frar tal-1973 flimkien ma kopja ta' sentenza tal-Qorti tal-Kummerc tat-28 ta' Jannar tal-1993 moghtija fil-kawza fl-ismijiet "Joseph Mizzi vs Emanuel Bonello nomine" Citaz numru 1354/91JF.

Ghalhekk in-nuqqas tal-atturi li ma pprezentawx flimkien mal-avviz id-dokumenti kollha rilevanti gie sanat bl-accettazzjoni mill-Qorti tal-istess dokumenti pprezentati fil-5 ta' Marzu 2001 anke qabel ma l-konvenut pprezentaw l-eccezzjonijiet taghhom u dana a tenur ta' dak li jipprovdi l-Artikolu 175 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta u senjatament ghaliex bil-prezentata tal-istess dokumenti qabel ma beda s-smiegh tal-kawza ma sar ebda pregudizzju ghad-drittijiet tal-konvenuti.

Ghaldaqstant il-Qorti qedgha tirrespingi l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenuti Pace

Ghal dak li jirrigwarda t-tieni u t-tielet eccezzjonijiet preliminari tal-konvenuti Pace, li jirrigwardaw kemm il-preskrizzjoni ta’ sentejn (2) kif ukoll dik ta’ hames (5) snin, ghandhu jinghad mill-ewwel illi r-riferenza saret esklussivament ghall- terminu ta’ preskrizzjoni minghajr ebda indikazzjoni ta’ l-preskrizzjoni specifika kontemplata fil-Kodici Civili; anzi saret riferenza ghall-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili illi ma jipprovdix ghad-diversi preskrizzjonijiet kontemplati mill-Ligi li jistghu jkunu ta’ ostakolu ghal-azzjoni attrici.

Billi l-preskrizzjoni ma tistax tigi mqajjma l-Qorti ex ufficjo u l-Qorti ma tistghax tindaga hija stess biex taghzel liema hija l-preskrizzjoni applikabbli ghall-azzjoni li jridu jezercitaw l-atturi, u billi l-konvenuti Pace ma indikaw ebda wahda mill-preskrizzjonijiet partikolari eleenkati mill-Kodici Civili, il-Qorti qedgha tichad l-istess tieni u tielet eccezzjonijiet li jirrigwardaw il-preskrizzjoni.

Fil-meritu d-diversi fatti u cirkostanzi li wasslu ghall-operazzjoni ta’ depozitu ta’ somma ta’ Lm1,000 (elf lira Maltin) da parti tal-attur Edwin Mizzi huma identici ghall-fatti u cirkostanzi li kienu wasslu ghad-depozitu ta’ somma ohra minn Joseph Mizzi, hu l-attur Edwin Mizzi, u dwar dan id-depozitu kienet ukoll saret kawza fil-konfront ta’ istess bank u l-istess konvenuti deciza fit-28 ta’ Jannar tas-sena 1993.

Infatti mhux biss jirrizulta li l-fatti u cirkostanzi kienu l-istess fil-kaz ta’ z-zewg depoziti imma jirrizulta illi l-attur Edwin Mizzi kien halla l-flus f’idejn huh Joseph Mizzi u jirrizulta li kien l-istess Joseph Mizzi illi ghan-nom ta’ huh acceda fis-sede principali tal-bank konvenut u hemmhekk innegozja mal-konvenuti Pace biex ghamel depozitu fuq l-istess linji ta’ d-depositu li kien ghamel hu stess fl-interess esklussiv tieghu ftit xhur qabel..

Jirrizulta wkoll illi l-inkarigu li kien inghata lil’ l-istess Joseph Mizzi minghand huh l-attur Edwin Mizzi, kien

effettivament inkarigu biex jiddepozita somma ta’ Lm1,000 (elf lira Maltin) ma’ l-bank konvenut u mhux biex jaghti din l-istess somma lill-konvenuti Pace personalment.

Ghalhekk, anke ghal din l-operazzjoni li tikkoncerna biss lill-attur, ghandhom japplikaw dawk il-konsiderazzjonijiet kollha fuq liema l-Qorti tal-Kummerc kienet ibbazat il-konkluzzjonijiet taghha fid-decizjoni taghha li tirrigwarda l-ewwel depozitu ta’ Joseph Mizzi tat-28 ta’ Jannar 1993 fil-kawza citata Nru 1354/99JF fl-ismijiet ‘Joseph Mizzi vs Emanuel Bonello nomine et”.

F’dik is-sentenza l-Qorti tal-Kummerc kienet irriteniet hekk:

*Huwa minnu li mill-provi jirrizulta wkoll li meta l-attur mar fil-bank konvenut huwa staqsa ghal u kellem lis-sur Cecil Pace u li pero’ ma kienx jafu qabel; veru wkoll li flok ktieb huwa gie moghti cheque bl-interessi ta’ 7% (rata aktar gholja minn dik legali) li kellu jimmatura sena wara pero’ l-attur insista li f’mohhu huwa dejjem kellu l-idea li flusu kienu gew depositati mal-Bank u jekk kien hemm qerq, dan gie prattikat mill-kjamati in kawza fid-doppja vece taghhom, igifieri personalment u bhala ko-diretturi tal-Bank of Industry, Commerce and Agriculture (BICAL). Il-konvenut nomine kkonferma li l-flus tal-attur ma jidhrux fil-kotba tal-Bank billi jidher li nhareg cheque lill-attur minn Cecil Pace migbud minnu akkont fuq isem huh Henry Pace.*

*Tenut kont tal-fatti suesposti, l-Qorti hija tal-fehma li ghalkemm l-attur seta’ kien aktar konxju ta’ dak li kien qed jissucciedi a skapitu tieghu, ma jidhirx li huwa kien pjenament konsapevoli tal-operazjzoni li fiha safa’ ndott minn Cecil Pace li ghalkemm ighid li hawn si trattava ta’ semplici transazjoni bejnu u bejn l-attur in effetti kienet timplika aktar minn hekk. L-ittra jew ahjar l-abbozz imhejji mill-istess Cecil Pace, juri bic-car li f’mohh l-attur tpoggiet l-idea li l-flus kienu ser jigu trasferiti lokalment biex jitqieghdu f’Bank. Il-fatt li l-attur inghata rata ta’ interessi ghola minn dawk permessa mill-Ligi bankarja Maltija kienet intiza biex tinduci, tattira u thajjar aktar lill-attur biex*

*jidhol ghal din l-operazzjoni u mhux biex isservi ta' prova li l-Bank konvenut ma kien bl-ebda mod involut. Digia' nghad li l-posizzjoni taz-zewg kjamati in kawza fil-Bank konvenut kienet tirrapprezenta l-ghola karigi fit-tmexxija - posizzjoni tal-massima fiducja. Una volta li l-Bank konvenut kellu dawn il-persuni fit-tmexxija, ma jezonerax lill-Bank konvenut minn kazi ta' frodi pprattikat minnhom a detriment tad-depozitanti, fosthom l-atturi.*
*Mill-bqija c-citazzjoni kif saret hija cara u tinftiehem bizzejjed u m'hemm l-ebda nuqqasijiet fiha la ta' forma u lanqas ta' sostanza kif gie eccepit mill-kjamati in kawza."*

Inoltre jirrizulta mill-provi prodotti f'din il-kawza illi effettivament il-konvenuti Cecil u Henry Pace li kienu wkoll proprjetarji assoluti tal-bank BICAL, l-konvenuti l-ohra, kienu qeghdin jadoperaw il-prattika illi jiehdu d-depositu fuq isimhom u mhux direttament fuq il-bank li taghhom kienu diretturi, sabiex jevadu il-Ligijiet Bankarji veljanti f'dawk iz-zmienijiet fejn fuq depositu fil-Bank ma setghax jinghata mghax 7% illi huma kienu qeghdin joffru lill-depozitanti.

Jirrizulta wkoll illi l-flus illi kienu jingabru minn tali depositi kienu jigu utilizzati bl-istess mod bhal li kienu jigu utilizzati l-istess flus kieku gew iddepositati direttament f'kont ma' l-bank konvenut.

L-istess Cecil Pace xehed illi *" l-imghax fuq dan is-self kien jkun imghax iktar gholi minn dak li kien jaghti l-bank, b'differenza finanzjarja li lili u lil hija ma kienetx taghmlilna peress illi jiena u hija l-proprjetarji assoluti tal-bank BICAL. Konna nghamlu wkoll din it-transazzjoni sabiex dan is-self li kien jghamel il-klijent lill-bank ma jkunx jidher. Irid nghid u nispjega fejn ghid 'sabiex dawn il-flus ma jidhrux' illi dan kien fis-sens illi l-klijent ikun setgha ma wriex dawn il-flus fid-'declaration of capital assets' li kienet dovuta li jsir kull sena lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni."*

Inoltre jirrizulta illi t-transazzjoni kienet isir fl-istess ufficju fis-sede principali tal-bank fejn kienu jsiru l-operazzjonijiet

l-ohra bankarji leciti fejn kien ikun direttament involut l-bank konvenut.

L-istess konvenut Henry Pace fid-deposizzjoni tieghu wkoll iddikjara illi "*dan ma kienx l-uniku kaz fejn biex il-klijent jiehu l-imghax ahjar konna nassumu r-responsabbilta' ahna. Il-flus li ghalhekk kienu jidhlu minghand dawn il-klijenti li lilhom konna naghtuhom cekk personali, u li konna nircievu ahna konna ninvestuhom fil-bank stess jew fil-kumpaniji taghna l-ohra*"

Kollox ghalhekk jindika illi l-konvenuti ahwa Pace fl-1972 qabel ma ghalaq il-bank, u meta kienu ghadhom diretturi tal-istess bank u proprjetarji tieghu, ma kienux qedghin jghamlu distinzjoni bejn il-kontijiet tal-bank u dawk taghhom personali u kienu effettivament jagixxu ma terzi persuni f' isem l-istess bank, BICAL, il-bank konvenut, anke meta kienu jkunu involuti l-kontijiet personali taghhom.

Ghaldaqstant din il-Qorti jkollha bil-fors tasal ghall-istess konkluzzjoni tal-Qorti tal-Kummerc fis-sentenza hawn fuq citata u filwaqt illi tirrespingi l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti, tilqa t-talbiet tal-attur u tikkundanna lill-konvenuti kollha in solidum bejniethom sabiex ihallsu lill-attur is-somma ta' Lm1,000 (elf lira Maltin) u dana ghar-ragunijiet indikati fl-avviz u billi l-imghaxijiet kienu gew pattwiti digia' mid-data tad-depositu, tikkundanna lill-istess konvenuti in solidum bejniethom sabiex ihallsu l-imghaxijiet legali fuq is-somma ta' Lm1,000 (elf lira Maltin) b'effett mis-7 ta' Frar tal-1973.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti in solidum bejniethom.

--------------------------------TMIEM--------------------------------